**27 ta' Lulju, 1994**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

L-Avukat Dottor Louis Galea fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, u għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess, u b'nota tat-12 ta' Lulju, 1990, l-Avukat Austin Gatt bħala Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista assuma l-atti flok Dottor Louis Galea *nomine*

*versus*

Is-Segretarju tad-Djar, u b'nota tad-9 ta' April, 1992, id-Direttur għall-Akkomadazzjoni Soċjali assuma l-atti minflok is-Segretarju tad-Djar

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Libertà ta' Espressjoni – Rekwiżizzjoni, Ordni ta' – Interess – Partit Politiku**

*Ir-rikorrent ġie lilu rekwiżizzjonat post dekontrollat li kien jintuża bħala każin. Ir-rikorrent allega diskriminazzjoni poltika fil-konfront tiegħu u ksur tad-dritt tiegħu għal-libertà ta' espressjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-waqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat ta' nuqqas ta' interess u li enti morali ma jgawdix id-drittijiet fundamentali, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat billi sabet li kien hemm il-vjolazzjoni lamentata.*

*Il-Qorti sabet li l-fatt li postijiet kienu qegħdin jiġu rekwiżizzjoinati biex jintużaw bħala każin u dan fl-interess ta' partit politiku u mhux iehor kien jammonta għall-diskriminazzjoni. Mill-istess fatt tnissel ukoll il-vjolazzjoni tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni.*

Il-Qorti: –

1. Fis-sentenza, *in parte*, ta' din il-Qorti tas-7 ta' Awissu, 1986, hemm riprodott pjenament ir-rikors promotur ta' din il-kawża kif ukoll l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat;

2. Hawnhekk jista' għalhekk jiġi riportat biss dak li huwa neċessarju biex din is-sentenza tista' tiftiehem awtonomament;

3. **Fit-18 ta' Ġunju, 1985**, ir-rikorrent akkwista, b'titolu ta' lokazzjoni l-fond 115/116 Triq San Ġużepp, Ħal-Luqa, biex jużah bħala każin politiku;

4. Il-fond kien ġie, għal diversi darbi, rekwiżizzjonat, derekwiżizzjonat u mill-ġdid rekwiżizzjonat mill-intimat, u kien hekk rekwiżizzjonat meta fuqu ħarġet Ordni ta' Dekontroll fit-**28 ta' Mejju, 1985**;

5. Fil-**31 ta' Lulju, 1985** l-intimat kiteb lis-*"Secretary N.P. Club"* fil-fond imsemmi u talbu ċ-ċwievet tal-post għaliex dan kien ġie rekwiżizzjonat bl-Ordni numru 332 – jiġifieri, skond dak in-numru, l-Ordni kienet waħda minn tal-bidu wara li ġiet promulgata l-liġi rilevanti fl-1949 – anzi, preċiżament kienet ħarġet fl-14 ta' April, 1949;

6. Fis-**6 ta' Awissu, 1985** ir-rikorrent rrisponda l-ittra u informa lill-intimat illi (a) il-fond huwa dekontrollat; (b) illi xi żmien qabel is-Segretarju tad-Djar kien irrekwiżizzjona l-fond u assenjah lill-Partit Laburista mentri issa, qed jimxi mod ieħor għaliex l-interessat huwa l-Partit Nazzjonalista; (ċ) konsegwentement l-intimat kellu minnufih jirrevoka l-ordni ta' rekwiżizzjoni, u (d) jiddeżisti milli jieħu passi oħra biex jiżgombra l-fond;

7. Fit-**8 ta' Awissu, 1985**, l-intimat sgassa u daħal fil-fond;

8. Fuq dawn il-fatti, ir-rikorrent espona illi huwa sofra vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu, billi:

(a) Ġie ttrattat b'mod diskriminatorju minn persuna li qed

taġixxi bis-saħħa tal-liġi jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' kariga pubblika u dan minħabba l-opinjonijiet politiċi tiegħu – art. 45 tal-Kostituzzjoni; (b) ġie mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni biex jikkomunika idejat u tagħrif mingħajr indħil – art. 41 tal-Kostituzzjoni u għalhekk talab lill-Qorti biex tiddikjara li huwa sofra dawn il-vjolazzjonijiet u li tikkundanna lill-intimat biex minnufih jagħtih lura l-fond sgassat u fin-nuqqas, tawtorizzah li huwa stess jirriprendi l-pussess li kellu u tordna lill-intimat biex ma jagħmel xejn sabiex jimpedih milli jagħmel użu mill-fond bħala sede tal-Partit Nazzjonalista, u biex jikkonsenjalu l-oġġetti kollha li neħħa mill-fond meta daħal fih bil-forza. Finalment talab ukoll li l-intimat jiġi kkundannat iħallsu kumpens xieraq għaż-żmien li huwa ġie pprivat mill-użu, u d-danni li bata;

9. L-imsemmija Qorti ppronunzjat is-sentenza tagħha, fil-mertu fit-28 ta' Ottubru, 1993, u, essenzjalment qalet hekk:

"Illi mix-xiehda miġbura joħorġu ppruvati l-fatti li ġejjin, jiġifieri:

1. Fil-21 ta' Marzu, 1949, ċertu Emmanuele Dalli, kuntrattur minn Ħal-luqa, akkwista in enfitewsi perpetwa l-fond numru 115/116 Triq San Ġużepp, Ħal Luqa, li kien jinsab distrutt bil-ħidma ta' l-għadu. Il-fond ġie rikostruwit. (Dok. LG2 f 234);

2. Fis-27 ta' Jannar, 1983, ġiet maħruġa rekwiżizzjoni (nru. 332) fuq il-fond nru. 116, St. Joseph Street, Ħal Luqa, li kellha jkollha effett "malli joħroġ min qiegħed jokkupa l-fond";

3. Il-wirt ta' Emmanuele Dalli ta' martu Clara kien

irregolat b'testment ta' l-10 ta' Lulju, 1971. (Dok. LG3 f 240);

4. Fl-24 ta' Mejju, 1985, Joseph Dalli, wieħed mit-tfal ta' l-imsemmi Emmanuele Dalli u martu Clara; legatarju ma' oħrajn fl-użufrutt u ko-erendi, applika għad-dekontroll tal-fond, u t-talba ġiet milqugħa fit-28 ta' l-istess xahar. (Dok. RJ f 402 u Dok. Ċ f 8);

5. Fit-18 ta' Ġunju, 1985, ir-rikorrent Dottor Galea, għannom u in rappresentanza tal-Partit Nazzjonalista ħa b'kera l-imsemmi fond mingħand Joseph Dalli biex l-istess jiġi użat bħala uffiċċju u każin ta' l-istess partit, u dak in-nhar ħallas il-kera. (Xiehda rik. f 20 sa 28, u 32 sa 37);

6. Il-validità ta' din il-lokazzjoni kienet materja in kontestazzjoni f'kawża quddiem din il-Qorti, diversament ippresjeduta. (Ara Ċit. Nru. 1103/85 G, fl-ismijiet "Mary Tonna *et vs* Avukat Dr. Kenneth Gulia *et*" li marret deżerta fl-1 ta' April, 1991);

7. Fil-31 ta' Lulju, 1985, is-Segretarju tad-Djar informa lis-Segretarju tal-*Club* tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Luqa illi l-fond qiegħed taħt rekwiżizzjoni u illi ċ-ċwievet tiegħu kellhom jiġu kkonsenjati d-Dipartiment tad-Djar fi żmien jumejn, għaliex, in difett, kienu sejrin jittieħdu passi għall-iżgrumbrament;

8. Fis-6 ta' Awissu, 1985, ir-rikorrent bagħat ittra lill-intimat li biha nfurmah illi l-fond kien ġie dekontrollat u intimah jirtira l-ordni tar-rekwiżizzjoni u jiddeżisti milli jieħu passi għall-iżgumbrament tal-fond. (Dok. B f 6);

9. Fit-8 ta' Awissu, 1985, l-intimat ħa l-pass li jidħol fil-

fond u jiżgumbrah mill-mobbli (Xiehda fol. 111);

10. Fit-28 ta' Awissu, 1985, infetħu l-proċeduri quddiem dina l-Qorti, diversament ippresjeduta;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi li tressqu ma jirriżultax illi l-ordni tar-rekwiżizzjoni ġiet qatt irtirata. Ir-rekwiżizzjoni ta' dan il-fond għandha storja twila. L-ewwel darba li ħarġet rekwiżizzjoni kienet fl-14 ta' April, 1949, u wara ħarġet ordni ta' derekwiżizzjoni fil-25 ta' Novembru, 1949. Reġgħet ħarġet fit-23 ta' Novembru, 1982, fuq isem Anthony Tonna; dan kien miżżewweġ ma' waħda mit-tfal ta' Emmanuel Dalli, l-enfitewta; ilkoll kienu allura in okkupazzjoni tal-post; (l-R.O. ġiet innotifikata lil Clara Dalli mart Emmanuel); dana Tonna kien applika għal *plot* tal-Gvern u allura, skond il-*policy* ta' dak iż-żmien, huwa kellu jħalli ċ-ċwievet tal-fond li kien sejjer jivvaka, lill-*Housing Secretary*. Fis-27 ta' Jannar, 1983, l-R.O. ħarġet ukoll fuq is-sid Emmanuel Dalli; l-R.O. ġiet imbollija f'idejn bintu Mary. Tonna ma ħax il-*plot* u baqa' fil-post. F'xi żmien mhux preċiżat huwa ħareġ mill-fond, u aktar 'il quddiem, jiġifieri, fit-18 ta' Ġunju, 1985, ir-rikorrent *nomine* (kif ġà ntqal) ħa l-fond b'kera. In-numru tar-*Requisition Order* dejjem baqa' l-istess wieħed, it-332. Għandu jingħad ukoll illi l-fond, fi Frar, 1986, ġie allokat lill-istess Anthony Tonna. (Ara testimonjanzi fol. 381 sa 397 u 411 sa 417);

Fuq dawn il-fatti kollha, il-Qorti ma ssibx ebda prova ta' irregolarità fil-ħruġ tar-*Requisition Order* imsemmija;

Kif ġà ntqal, ma hemmx provi li juru li l-R.O. ġiet irtirata;

Minn dana joħroġ illi fil-ġurnata tal-kuntrattazzjoni tal-kirja mir-rikorrent (18 ta' Ġunju, 1985) f'għajnejn il-liġi, il-pussess tal-fond kien tas-Segretarju tad-Djar, għalkemm il-pussess materjali kien tas-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti illi (1) il-fond ġie rreġistrat bħala fond dekontrollat fit-28 ta' Mejju, 1985 (2) il-kiri tiegħu sar wara din il-ġurnata meta l-fond kien battal, (3) ir-rikorrent, fil-kwalità tiegħu msemmija qabel, daħal fil-fond wara li saret il-lokazzjoni, u (4) illi ma hemmx prova ta' *mala fede* da parti tar-rikorrent, fil-kumpless taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma jwasslux biex wieħed jgħid illi d-drittijiet kollha fuq il-fond li l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar ipoġġi fis-Segretarju tad-Djar, ġew mittiefsa. (Ara Att dwar id-Djar u Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar);

Għall-finijiet tal-kawża preżenti, m'huwiex kompitu ta' din il-qorti li tindaga u tikkunsidra aktar minn hekk dwar il-ħruġ tar-*Requisition Order* u d-drittijiet li s-Segretarju tad-Djar (illum Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali) għandu fuq bini minnu meħud skond il-liġi taħt R.O.;

Ikkunsidrat:

Illi l-eċċezzjoni kkontenuta fl-ewwel paragrafu tar-risposta ppreżentata mill-intimat fl-4 ta' Settmebru, 1985, mhix sostenibbli (Ara fost oħrajn Sentenzi P.A. Dott. E. Fenech Adami *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et* deċiża 28 ta' Novembru, 1986, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, u Alfred Buhagiar *noe et vs* Ministru ta' l-Edukazzjoni);

Għalhekk il-Qorti tiċħad l-istess eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-intimat;

Ikkunsidrat:

Fis-7 ta' Marzu, 1986, l-intimat eċċepixxa ulterjorment illi r-rikorrent ma kienx għad baqagħlu interess ġuridiku fil-kawża. Milli jidher l-intimat qiegħed jopponi dina l-eċċezzjoni peress illi r-rikorrent, fis-16 ta' Frar, 1988, kien ippreżenta nota li fiha ddikjara illi "*in vista* taċ-ċirkostanzi ġodda li nqalgħu fil-mori tal-ġudizzju, ir-rikorrent, bħala rimedju effettiv għall-vjolazzjoni fil-konfront tiegħu tad-drittijiet fundamentali, minflok ir-restituzzjoni tal-pussess u ċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni, jitlob il-ħlas tas-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000) in kwantu għal Lm1,500 bħala danni simboliċi għall-fatt li nkisru dawn id-drittijiet";

Fil-fehma tal-Qorti l-allokazzjoni tal-fond lil Anthony Tonna fil-mori *tal-ġudizzju* u l-*kontenut tan-nota fuq imsemmija*, b'ebda mod ma jiddetraw, jew inaqqsu, mill-interess ġuridiku li r-rikorrent kellu fil-kawża appena infetħet. Il-Qorti tara f'dik in-nota rinunzja għat-talba għar-restituzzjoni tal-pussess tal-fond u għal dik biex l-intimat jiġi mill-Qorti ordnat li ma jagħmel xejn li jista' jimpedixxi r-rikorrent milli jagħmel użu tal-fond; u dwar dawn *il-Qorti għandha tipprovdi*, *kif fil-fatt* qiegħda tipprovdi, billi tastjeni li tieħu konjizzjoni ulterjuri *stante* li dawn it-talbiet ġew rinunzjati;

Għalhekk il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri ssollevata mill-intimat bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, fil-ħin li tiddikjara li l-aġir ta' l-intimat fil-ħruġ tar-rekwiżizzjoni għall-fond numri 115/116 Triq San Ġużepp, Ħal Luqa, fl-allokazzjoni tiegħu lil Anthony Tonna, fl-għoti ta' l-ordni biex jiġi żvujtat il-fond u

meħud pussess tiegħu, sar minnu bis-setgħat lilu mogħtija milliġi msemmija, tiċħad it-talbiet tar-rikorrent; fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk ġà deċiżi, jitħallsu żewġ terzi mir-rikorrent u terz mill-intimat'';

10. L-appell tar-rikorrent jikkontesta dak li hemm fis-sentenza rigward l-ordnijiet ta' rekwiżizzjoni, jinsisti fuq id-diskriminazzjonijiet li sofra, u jirribadixxi illi billi l-kawża damet mit-28 ta' Awissu, 1985, sat-28 ta' Ottubru, 1993 – tmien snin u xahrejn – u għalhekk fis-16 ta' Frar, 1988, huwa illimita t-talbiet tiegħu għal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni – artikoli 41 u 45 – u l-ħlas ta' elf u ħames mitt lira (Lm1500) danni materjali u elf u ħames mitt lira (Lm1500) danni mhux materjali;

11. L-intimat aċċetta s-sentenza ħlief għall- kap ta' l-ispejjeż għaliex għalkemm l-ewwel eċċezzjoni kif ukoll dik tal-karenza ta' interess ġuridiku ġew miċħuda, dawn ma kellhomx jiġu riflessi f'responsabbilità għal terz mill-ispejjeż;

12. Fl-ewwel lok, huwa essenzjali li jiġu riprodotti l-artikoli tal-liġijiet li għalihom saret riferenza kontinwa, fit-trattazzjoni tal-kawża;

L-intimat, matul il-kawża, invoka favur l-aġir tiegħu l-awtorizzazzjoni tal-liġi – Att dwar id-Djar – illum Kap. 125, – imma dan b'mod ġeneriku u ma saret ebda riferenza speċifika għal xi parti minn din il-liġi. Hekk għamel, per eżempju, anki qabel ma bdiet il-kawża fil-Kontro-protest tiegħu – dokument B1 – (li huwa indikat li ntbagħat fit-13 ta' Awissu, 1985) meta jgħid:

"Illi naturalment il-*Housing Secretary* ladarba l-fond kien ġie rekwiżizzjonat validament seta' jkompli jieħu pussess tal-fond skond il-*Housing Act 1949.....*"; però ma jindikax kif u sa fejn, l-intimat, wara li ħareġ l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni li biha huwa ħa l-pussess tal-bini jew kif jidher li kien dan il-każ, "il-ħtieġa li l-bini jitħalla f'idejn l-awtorità li toħroġ ir-rekwiżizzjonijiet" - kif hemm fl-art. 2 Kap. 125 billi ċ-ċwievet kellhom jiġu kkonsenjati skond l-Ordni – "malli joħroġ min qed joqgħod fih" – u għalhekk l-intimat ma kellux iċ-ċwievet tal-fond, l-istess Segretarju, "seta' jkompli jieħu pussess tal-fond" billi jidħol fih bil-forza u jisgassah;

13. Min-naħa tiegħu r-rikorrent invoka l-art. 9 Kap. 158:

"L-Att dwar id-Djar ma għandux jgħodd għal kull dar li tkun irreġistrata bħala dar ta' abitazzjoni mneħħija mill-kontroll skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza";

14. L-intimat irribatta li l-art. 6(2) Kap. 158 japplika għall-każ billi d-dar kienet rekwiżizzjonata qabel ma ħarġet l-Ordni ta' Dekontroll, din ma tgħoddx għaliex dan l-artikolu jgħid li:

"L-Uffiċjal tal-Valutazzjoni ta' l-Artijiet ma għandux jirreġistra dik id-dar bħala dar ta' abitazzjoni mneħħija mill-kontroll jekk l-applikazzjoni xierqa għar-reġistrazzjoni ta' dik id-dar bħala dar ta' abitazzjoni mneħħija mill-kontroll ma ssirx

fi żmien ħmistax-il ġurnata wara notifika ta' avviż mogħti mis-Segretarju tad-Djar lil xi wieħed mill-proprjetarji";

u jidhirlu li dan ifisser li l-Ordni ta' Dekontroll li ħarġet meta kien hemm Ordni ta' Rekwiżizzjoni, ma tiswiex, speċjalment għall-finijiet ta' l-art. 9 Kap. 158, ikkwotat;

15. Kif jidher, is-sentenza appellata għamlet eżami tal-kronoloġija tal-fatti li jirrigwardaw l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni, biex ikkonkluet illi:

"... ma hemmx provi li juru li l-R.O. *(sic)* ġiet irtirata" u uljerjorment, "...illi ma hemmx prova ta' *mala fede* da parti tar-rikorrent, fil-kompless taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma jwasslux biex wieħed jgħid illi d-drittijiet kollha fuq il-fond li l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar ipoġġi fis-Segretarju tad-Djar ġew mittiefsa (ara Att dwar id-Djar u Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar)";

16. Issa bir-rigward kollu lejn dik is-sentenza, din il-Qorti ma jidhrilhiex li din kienet l-essenza tar-rikors. Dana kien jallega li dak li ġara kkostitwixxa vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu li ma jiġix ittrattat, bħala Partit Nazzjonalista u għaliex huwa l-Partit Nazzjonalista, differentement milli ġie ttrattat il-Partit Laburista. Ulterjorment, u per konsegwenza ta' dak it-trattament diskriminatorju, billi l-fond kien se jiġi adebit bħala każin politiku allura, ir-rikorrent irriskontra wkoll vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu li jippropaga l-idejat politiċi tiegħu;

17. Mill-provi prodotti fil-proċess jirriżulta illi s-Segretarju tad-Djar, f'xi okkażjonijiet alloka fondi għall-użu tal-kumitat lokali tal-Partit Laburista, liema fondi kien irrekwiżizzjona:

(a) *5, Paola Square, Paola;*

(b) *12, Marina Alley 3, Kalkara;*

(ċ) 262, High Street, Hamrun;

waqt illi f'xi okkażjonijiet oħra, għal xi fondi rekwiżizzjonati, ippermetta li jintlaħaq ftehim bonarju bejn is-sid tal-fond rekwiżizzjonat u l-kumitati tal-*Labour Party* tal-lokal:

(a) *5, Marina Street, Pietà;*

(b) *2, St. George's Road,* San Ġiljan;

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell komposta mit-tlett imħallfin li qed jikkomponu din il-Qorti - fit-30 ta' Diċembru, 1993, fil-kawża - Dottor Carmelo Vella *et vs* Is-Segretarju tad-*Djar et*, dan it-tip ta' aġir tas-Segretarju tad-Djar kien wieħed abbużiv ta' l-Att dwar id-Djar, ibbażat fuq is-suppost kopertura ta' l-interess pubbliku''; - u daqshekk għandha ssir piena riferenza għal dik is-sentenza;

Din il-malprassi waqqafha l-Ministru, l-Onorevoli Lorry Sant, kif xehed huwa stess u qal hekk:

''Kemm domt Ministru ebda każ ma kien hemm fejn ġie allokat xi post rekwiżizzjonat sabiex jintuża bħala każin lil xi partit politiku'', u għalkemm, skond il-moda li kienet daħlet, huwa rċieva talbiet biex jalloka fondi rekwiżizzjonati lill-kumitati tal-Partit Laburista ta' l-Għarb, tal-Marsa u tal-Belt Valletta, huwa dawn it-talbiet ma kkunsidrahomx:

"Ma kkunsidrajthomx għaliex mhix skond il-*policy* li kont qiegħed insegwi u kont qiegħed niddetta jiena";

Ix-xhud jgħid li huwa kien responsabbli għad-Dipartiment tad-Djar mill-1983 sa Awissu 1986 u jgħid ukoll li l-Ministru Dr. Joseph Cassar, meta kellu f'idejh l-istess dipartiment kien jimxi bl-istess politika u ma kienx jalloka fondi rekwiżizzjonati biex jiġu kkonvertiti f'każini tal-partiti politiċi;

Ma' dan, il-Qorti nnutat illi f'dan il-każ, l-Aġent Segretarju, fis-seduta tad-9 ta' Ġunju, 1986, xehed illi huwa **ma kien jaf xejn fuq il-każ**, li jfisser illi anki l-Kontro-protest li ntbagħat f'ismu qabel ma bdiet il-kawża ***sar ad insaputa* tiegħu**. Dan il-fatt – minnu nnifsu huwa ta' gravità ġuridika mhux żgħira, billi l-istess liġi – Kap. 125 – tikkonferixxi lil dan l-uffiċjal ta' l-Amministrazzjoni, u mhux lil ħaddieħor, il-poteri neċessarji biex tiġi implimentata u esegwita l-liġi – art. 3 – u tasal malpunt importanti li tiddisponi illi:

"...meta persuna tkun qiegħda f'bini li jkun ittieħed b'rekwiżizzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.....is-Segretarju, jekk **fid-dehen tiegħu mingħajr ma jindaħallu ħadd, jidhirlu** illi dik il-persuna m'għandhiex tissokta tgħammar hemmhekk, jista' jordnalha li titlaq minn dak il-bini u tħalli f'idejh dak il-bini f'dak iż-żmien li s-Segretarju jista' jiffissa, għalkemm jista' jkun hemm xi disposizzjoni oħra kuntrarja f'xi liġi";

18. L-ewwel kwistjoni in kawża, hija, jekk dawn il-fatti jammontawx għall-vjolazzjoni ta' l-art. 45 tal-Kostituzzjoni, li minnu se jiġu kkwotati l-partijiet rilevanti għall-każ:

"Art. 45(1).....*omissis*.....;

(2) ...ħadd ma għandu jiġi ttrattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kawża pubblika jew xi awtorità pubblika;

(3) F'dan l-artikolu l-kelma "diskriminatorja" tfisser għoti *(sic)* ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess, li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn *(sic)* **ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet** li persuni ta' deskrizzjoni **oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija** lil persuna ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn;

(4), (5), (6), (7), (8), (9), (10) u (11) - *omissis*";

19. Is-sentenza appellata ma jidhirx li b'xi mod ikkunsidrat l-ewwel kweżit li loġikament jimponi r-rikors, jiġifieri jekk kemm-il darba l-fatti ppruvati fil-proċediment, ivvjolawx jew le d-dritt tar-rikorrent li, kif jesponi, huwa proprju għaliex huwa s-Segretarju Ġenerali tal- u għall-Partit Nazzjonalista, sofra "inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet" li ħaddieħor jiġifieri s-Segretarju Ġenerali tal- u għall-Partit Laburista, "ma ġiex suġġett għalihom", jew li huwa ma ngħatax "il-privileġġi jew vantaġġi" li ngħataw lill-persuna l-oħra – is-Segretarju Ġenerali tal- u għall-Partit Laburista;

20. Il-Qorti hija tal-fehma li effettivament ġie ppruvat li

s-Segretarju tad-Djar, f'diversi okkażjonijiet qabel l-1983, kien kjarament ittratta lis-Segretarju Ġenerali tal- u għall-Partit Laburista b'mod privileġġjat billi allokalu fondi rekwiżizzjonati fl-"interess pubbliku", għall-użu tiegħu, u fl-interess privat u partitarju tal-Partit Laburista u b'hekk avvantaġġjah fil-konfront tar-rikorrent, Segretarju Ġenerali ta' u għall-Partit Nazzjonalista, li għall-kuntrarju, anzi, ġie assoġġettat għal restrizzjoni u inkapaċità, flok privileġġ u vantaġġ;

Dan it-trattament diskriminatorju jassumi riżalt speċjali għaliex ġie akkordat min-nies li jiddependu mis-Segretarju tad-Djar, jew li almenu suppost li kien jikkontrolla huwa, waqt li kif huwa xehed – huwa għalkemm uffiċjalment infurmat bil-kwistjoni permezz ta' Protest Ġudizzjarju, **ħares band'oħra**, ma kien jaf xejn u m'għamel xejn, b'ommissjoni gravi tad-doveri fuqu imposti mil-liġi, u b'dan il-mod, bl-ommissjoni inkwalifikabbli ta' l-eżerċizzju tad-direzzjoni u d-dehen tiegħu, ippermetta li l-impjegati tiegħu, f'ismu u bis-suppost saħħa tal-liġi li jista' jeżerċita huwa biss, ippermetta dak it-trattament;

21. L-eżami ta' l-aspetti legali jew illegali tal-kwistjoni, kif għamlet is-sentenza appellata, kellu jiġi segwit mill-konsiderazzjoni tal-problematika li dawk l-aspetti ħolqu, influwenza jew b'liema mod inċidew fuq il-lament tal-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent li huwa kellu jirċievi l-istess trattament privileġġjat u vantaġġjuż kif irċieva ħaddieħor, proprju fl-istess sottofond ta' dik il-mixxela ta' legalità u llegalità li s-Segretarju tad-Djar, fl-operat tiegħu, matul iż-żmien, b'kommissjoni jew b'omissjoni, irnexxielu joħloq. Dan huwa dak, li jfisrru l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti;

22. It-tieni kweżit huwa jekk dawk il-fatti li rriżultaw fil-

proċediment jammontawx ukoll, għall-vjolazzjoni ta' l-art. 41 tal-Kostituzzjoni, li minnu se jiġu kkwotati, il-partijiet rilevanti għall-każ:

"Art. 41(1) ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni ..... libertà li jikkomunika ideat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni).....;

(2), (3), (4) u (5) – *omissis*";

Din il-vjolazzjoni, li minnha qed jillamenta r-rikorrent, hija konsegwenzjali għall-ewwel vjolazzjoni (paragrafu preċedenti billi r-rikorrent ried juża l-fond li minnu huwa ġie żgumbrat u b'hekk ma ġiex ittrattat b'mod privileġġjat u ma ġiex allura avvantaġġjat bħal ħaddieħor, li huwa fl-istess kategorija diskriminatorja tiegħu, bil-konsegwenza li minn dak il-fond ma setax jippropaganda, u jikkomunika l-ideat u t-tagħrif tal-fehmiet politiċi tiegħu;

Ma hemmx bżonn riflessjoni profonda biex il-Qorti tasal biex tafferma li dan id-dritt ukoll ġie vvjolat;

Dan però sar b'mod indirett, kif intqal, u naturalment, b'mod ukoll, mhux għal kollox sodisfaċenti. Huwa verament diffiċli li tassumi li partit politiku ma jkollox bħala skop primarju ta' kull attività li jagħmel huwa, li jippropaganda l-fehmiet tiegħu biex jew isaħħaħ il-fehma tal-partitarji, jew biex jakkwista proseliti, jew finalment biex jakkwista eventwalment, voti. Iżda b'dan kollu meta ġie żgumbrat il-fond, dan kien dikjaratament qed jintuża bħala "uffiċċju" tal-Partit Nazzjonalista u għalkemm jista' jingħad li "*se va sans dire*" li dan kien se jiġi kkonvertit f'każin tal-Partit Nazzjonalista, b'dan kollu b'rigor fattwali jista'

jingħad ukoll li l-Partit Nazzjonalista **seta'** uża l-fond, anki fil-futur – bħala "uffiċċju" biss. Naturalment, jekk il-Qorti tintrabat ma' din l-aħħar possibbiltà proposizzjonali, f'dinja politiċizzata kif inhi tagħna, malajr tiġi magħduda bħala "inġenwa" – però anki r-rigorożità għandha l-merti tagħha. Jekk mhux għal ħaġ'oħra għaliex tinkuti wkoll ċerta dixxiplina fil-ħsieb u fl-azzjoni li daqs kemm huma ammirevoli huwa rari; jekk mhux għall kollox, neqsin;

23. Għal dak li huma r-rimedji mitluba fir-rikors promotorju għalhekk il-Qorti tikkonkludi billi tiddeċidi:

(i) Illi r-rikorrent ma ġiex ittrattat bil-mod privileġġjat li ġie ttrattat ħaddieħor ta' l-istess kwalità, kwalifika u kategorija tiegħu, u lanqas ma ġie ttrattat bil-mod vantaġġjuż li dak il-ħaddieħor ġie vvantaġġjat u għalhekk, u **f'dan is-sens**, sofra vjolazzjoni ta' dak li huwa lilu konċess mill-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;

(ii) Illi, kif spjegat fil-paragrafu 22, ir-rikorrent seta' jillamenta illi d-dritt fundamentali tiegħu għall-espressjoni sanċit mill-art. 41 tal-Kostituzzjoni kien **x'aktarx** se jiġi miksur – kif jikkontemplka l-art. 46 tal-Kostituzzjoni, imma ma kienx ġie sa dak il-mument, ivvjolat;

(iii) It-talba biex din il-Qorti tordna lill-intimat li **minnufih** jagħti lura l-fond 115 u 116, ġiet rinunzjata u sostitwita, b'Nota tas-16 ta' Frar, 1988 b'talba għall-kundanna ta' ħlas ta' tlett elef lira (Lm3000) – kwantu għal Lm1500 ħlas li sar lil Joseph Dalli fuq konvenja tad-19 ta' Ġunju, 1985, għall-ottava parti ($^{1}/_{8}$) mill-post, u kwantu għal Lm1500 bħala "danni simboliċi";

(iv) Fuq it-talba, li daħlet in sostituzzjoni, għal elf u ħames mitt lira (Lm1500) li tħallsu biex tiġi akkwistata parti indiviża tal-fond 116, Triq San Ġużepp, Ħal Luqa – *ma jidhirx li dak li għamel, jew aħjar, naqas li jagħmel l-intimat, kellu jnissel il-konsegwenza li allura r-rikorrent ma jkomplix bl-akkwist miftiehem u ppjanat u l-bejgħ ipprospettat ma kienx ikkondizzjonat għal xi fatt li tiegħu kellu jkun responsabbli l-intimat; u (b) għal dak li jirrigwarda l-elf u ħames mitt lira (Lm1500) "danni simboliċi", il-Qorti ssib diffikultà biex tikkompensa b'danni", vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti li ma jiġix iddiskriminat billi ma jiġix **privileġġjat** u **vantaġġjat** kif ġie **pprivileġġjat** u **avvantaġġjat** ħaddieħor, liema privileġġ u vantaġġ kienu essenzjalment l-effett ta' aġir **illegali** u **abbużiv** tas-Segretarju tad-Djar meta huwa pprivileġġja u avvantaġġja lil ħaddieħor illeċitament;

24. Għaldaqstant is-sentenza appellata hija riformata fis-sens li filwaqt li hija rrevokata fit-termini msemmija fil-paragrafu preċedenti, hija kkonfermata fiċ-ċaħdiet ta' l-eċċezzjonijiet li jirrigwardaw l-ammissibbilità ta' l-azzjoni da parti tas-Segretarju Ġenerali f'isem il-Partit Nazzjonalista, persuna ġuridika u mhux fiżika, u tan-nuqqas ta' interess ġuridiku wara n-Nota tar-rikorrent tas-16 ta' Frar, 1988, u tiċħad *ukoll* l-appell *inċidentali* ta' l-intimat rigward il-kap ta' l-ispejjeż;

In kjużura, il-Qorti konsegwenti għal dak li hemm *fil-*paragrafu 23 *supra*, fiċ-ċirkostanzi preżenti, u speċjalment ta' sentenza li qed tingħata kważi disa' snin wara l-akkadut, tiddikjara ulterjorment, skond il-formola ġudizzjali użata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, li din is-sentenza għandha sservi ta' sodisfazzjon adegwat u suffiċjenti

għar-rikorrenti.

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-intimat.